MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 771/2000/1

***Joseph Zammit***
***Vs***
***Carmelo Dingli u***
***Raymond Azzopardi ghal kull interess li jista' jkollu***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur, wara li ppremetta: illi b' sentenza tal-Bord tal-Kera tal-21 ta' Ottubru 1999 fil-kawza fl-ismijiet "Carmelo Dingli vs Joseph Zammit" (Rikors numru 60B/97) giet milqugha t-talba tal-konvenut odjern Carmelo Dingli sabiex jirriprendi l-pussess tal-fond 38, Triq Bishop Scicluna, Qormi mikri lill-attur odjern u ghall-fini ta' Zgumbrament gie prefiss termini t-terminu TA' xahar mill-istess data; illi b' sentenza tal-24 TA' Marzu 2000, il-

Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Bord tal-Kera tal-21 TA’ Ottubru 1999; illi l-Qorti tal-Appell u l-Bord tal-Kera bbazaw id-decizjoni taghhom fuq ix-xhieda tal-konvenut Raymond Azzopardi li xehed quddiem il-Bord tal-Kera fis-seduta tat-18 TA’ Novembru 1998; illi x-xhieda tal-konvenut Raymond Azzopardi jirrizulta li hija manifestament falza u inveritjera hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi una volta din ix-xhieda tigi dikjarata falza minn din l-Onorabbli Qorti, l-attur ikun jista’ jitlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet "Carmelo Dingli vs Joseph Zammit" (Rikors numru 60B/97) u dan ai termini tal-Artikolu 811(j) tal-Kap.12 tal-Ligijiet TA’ Malta; talbu li l-konvenut jghidu ghaliex, in vista tal-premess, din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddecidi li x-xhieda moghtija minn Raymond Azzopardi fis-seduta tat-18 ta’ Novembru 1998 quddiem il-Bord tal-kera fil-kawza fl-ismijiet "Carmelo Dingli vs Joseph Zammit" (Rikors numru 60B/97) hija falza u inveritjiera.

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-**konvenut Carmelo Dingli** fejn eccepixxa:

1. Illi din il-kawza hi impropronibbli, billi dina l-Onorabbli Qorti qiegheda tigi mitluba tghaddi gudizzju fuq kredibilita’ ggudikata minn Qorti ohra;

2. Illi din il-kawza m' hix wahda ta’ ritrattazzjoni, li hu l-uniku rimedju moghti mill-ligi u entro t-termini li l-procedura tiddetta ghal tali rimedju;

3. Illi fil-meritu l-eccepjenti jhossu li m' hemmx lok ghal dubju fix-xhieda ta’ Raymond Azzopardi, mentri hemm lok ghal nuqqas ta’ kredibilita’ fix-xhieda prodotti mill-attur, kif intqal minn zmien ilu fl-atti prezentati fil-Bord li Jirregola l-Kera u fl-atti tal-Appell.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Carmelo Dingli u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-**konvenut Raymond Azzopardi** fejn eccepixxa: illi hu ma qal xejn hlief il-verita’ u lest, anzi jixtieq, li jsir konfront bejnu u x-xhieda prodotti mill-attur, kif ukoll ma' l-attur stess, halli jekk ghandhom volja u hila jghidulu li m' hux qed jghid il-verita’ u jghati dettalji tali li juru min qed jghid il-verita’.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Raymond Azzopardi u l-lista tax-xhieda;

Rat li permezz ta’ sentenza moghtija fl-24 ta’ Jannar 2001 fejn din il-Qorti cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Dingli;[1]
Rat l-Atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament:

Rat l-l-kawza kienet giet differita ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

***Kwadru tal-fatti***
Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti. Il-konvenut Carmelo Dingli kien istitwixxa proceduri quddiem il-Bord li Jrregola l-Kera kontra l-attur Joseph Zammit, sabiex jirriprendi l-pussess tal-fond 38 Triq Bishop Scicluna, Qormi li kien mikri lill-attur *"biex jigu garaxxjati fih trukkijet tal-merkanzija (burdnara)".*[2]

[1] Fol.34 *et seq.*
[2] Vide process allegat - Fol.1

Illi b' sentenza tal-21 ta' Ottubru 1999 l-istess Bord kien ddecieda li *"r-rikorrent ipprova li sar bdil fid-destinazzjoni tal-fond minn mahzen, ghal ghanijiet kummercjali, inqaleb f' garage ghall-karozzi privati"* u ghalhekk laqa' t-talba tal-istess rikorrent (il-konvenut Carmelo Dingli fil-proceduri odjerni) u awtorizzah jerga' jiehu pussess tal-fond fuq indikat, filwaqt li pprefigga terminu ta' xahar ghall-izgumbrament.[3] Din id-decizjoni kienet giet kkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell b' sentenza tal-24 ta' Marzu 2000, fejn qabblet mal-konsiderazzjoni dwar il-provi maghmul mill-Bord.[4]

Illi quddiem il-Bord xehdu s-segwenti xhieda prodotti mir-rikorrent Carmelo Dingli (konvenut fil-kawza odjerna):ir-rikorrent stess, Victor Dingli, Joseph Calleja, Nazju Mifsud[5] u Raymond Azzopardi[6]. Minn naha tieghu, l-intimat Joseph Zammit (l-attur fil-proceduri odjerni) ta x-xhieda tieghu[7] quddiem il-Bord u pproduca bhala xhud lil huh Carmelo Zammit, biss, li xehed fit-3 ta' Gunju 1999, f' liema udjenza gie dikjarat mill-partijiet li ma kellhomx provi aktar[8].

Illi fis-sentenza tieghu, kif konfermata mill-Onor.Qorti tal-Appell, il-Bord strah fuq, u accetta bhala veritiera, d-deposizjoni tax-xhud Raymond Azzopardi (konvenut fil-proceduri odjerni); u dan nonostante il-versjonijiet kontrastanti tax-xhieda l-ohra.

Illi fil-proceduri odjerni xehdu l-istess nies; kif ukoll George Zammit u Francis Zammit, Tanya Calleja u Ninu Abela li gew prodotti mill-attur

---

[3] Vide process allegat - Fol.39.
[4] Fol.19 et seq.
[5] Seduta tas-27 ta' Jannar 1998
[6] Seduta tat-18 ta' Novembru 1998
[7] Seduta tat-18 ta' Novembru 1998
[8] Process allegat - Fol.26

Joseph Zammit. Mill-provi jirrizulta li l-imsemmija George u Francis Zammit huma parentati mal-attur u jahdmu mieghu; Tanya Calleja hija l-armla ta' Joseph Calleja fuq imsemmi u Ninu Abela jirrisjedi vicin il-fond de quo. Dawn l-erba' huma l-unici xhieda li xehedu f' dawn il-proceduri, u li ma kienux mressqa bhala xhieda quddiem il-Bord.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

*Osservazzjonijiet guridici*

Illi din il-kawza hija dikjaratament pre-ordinata ghall-kawza ta' ritrattazzjoni bazata fuq ic-cirkostanza kontemplata fis-sub inciz (j) tal-Artikolu 811 tal-Kap.12 li fl-ewwel parti tieghu jipprovdi li tista' tintalab r-ritrattazzjoni ta' kawza meta s-sentenza tkun giet deciza fuq provi li, b' sentenza ohra sussegwenti, gew dikjarati foloz. Illi ghalhekk sabiex tissusti din ir-raguni legali, huwa necessarju li jikkonkorru s-segwenti elementi:

1. Il-provi li fuqhom tkun giet deciza il-kawza originali;
2. Il-falsita' ta' dawn il-provi; u
3. Sentenza sussegwenti li tiddikjara il-falsita' ta' dawn l-istess provi.

Illi in propositu huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

1. Illi l-kelma "falz" tfisser, fis-sinifikat estiz taghha, kwalunkwe soppressjoni, mutazzjoni, jew alterazzjoni tal-veru ottuenti bi kwalsiasi mezz. Inoltre fil-kamp civili - b' differenza minn dak penali fejn l-element ogettiv[9] irid ikun akkompjat ma' l-element soggettiv[10] - il-falz civil huwa kunsidrat biss mill-punto di vista ta' l-element oggettiv tieghu, stante li fid-dritt civili m' ghandux l-iskop li jigi traccjat reat, izda *"si preoccupa soltanto di respingere un mezzo che nuoce alla*

[9] Li huwa l-materjalita' tal-fatt
[10] li huwa l-volonta' u l-koxjenza ta' l-agent sabiex jkun jista' jigi imputat lil min jaghmlu

*scoperta del vero e che puo' indurre il-giudice a ritenere, in tutta buona fede la falsita' in luogo della verita"*[11]

2. Illi hu assodat fil-gurisprudenza lokali li biex tissusisti raguni valida ghal ritrattatazzjoni ta' kawza fuq il-motiv ta' falsita' ta' provi jehtieg li l-pretiza falsita' ma setghetx tigi opposta fil-gudizzju li tieghu l-parti nteressata tkun trid titlob ir-ritrazzjoni.[12] *"L'autorita' del giudicato non puo' essere scossa, neanche col rimedio straordinario di ritrattazzione, per <u>la nuova deduzione di simiglianti mezzi di difesa non dedotti nel primo giudizzio</u>......cioe' che da luogo alla ritrattazione e', senza distinzione di persone, **la difesa resa impossibile**, <u>ma non l'omissione o l' insufficjenza delle difesa</u>"*[13]**.** Altrimenti, *"sarebbe assai agevole a chiunque, e in qualunque lite di tentare di dimolire la stabilita' delle sentenze passate in giudicato e di perpetuare ad infinito le liti.."*[14]

*Osservazzjonijiet fil-meritu*

Illi fil-kaz in disamina l-attur qed jibbaza it-talbiet tieghu fuq il-kawzali li x-xhieda li kien ta l-konvenut Raymond Azzopardi quddiem il-Bord, u li kienet determinanti ghall-esitu ta' dik il-kawza, hija *"manifestament falza".*[15] Illi sabiex jipprova din l-allegata falsita' l-attur, fil-proceduri odjerni rega' ressaq ix-xhieda kollha li kienu ddeponew quddiem il-Bord, u l-erba' xhieda l-ohra fuq indikati. Illi in propositu huma relevanti s-segwenti osservazzjonijiet:

---

[11] Vide - Prim Awla ***Alfred Mifsud vs Gaetano Azzopardi***– 10 ta' Gunju 1949 – Vol.XXXIII.II.401; u d-dottrina u kazistika hemm kwotata.

[12] Appell Civili – ***Antonio Mercieca vs Francesco Grech*** deciza 14 ta' Dicembru 1973; vide kazistika hemm citata.

[13] Appell Civili – ***Fortunata Pisani vs Antonio Pisani*** deciza 13 ta' Lulju 1942 Vol.XXXI.I.231, u Qorti tal-Kummerc – ***Zonda vs Parthenis*** deciza 31 ta' Marzu 1894 Vol.XIV 220 ; kwotati fis-sentenza precedenti. Emfasi u sottolinear ta' din il-Qorti.

[14] App.Civili – ***Dottor Filippo Nicolo' Buttigieg nomine et vs Angelo Grima*** deciza 12 ta' Ottubru 1931 – Vol.XXVIII.I.658

[15] Att tac-citazzjoni

1. Illi x-xhieda kollha regghu in sostanza kkonfermaw dak li kienu xehedu quddiem il-Bord; inkluz l-istess konvenut Raymond Azzopardi li minn naha tieghu ikkonferma b' emfasi dak li kien qal..

2. Illi inoltre, ma rrizultax li l-erba xhieda l-ohra, u cioe' Francis u George Zammit, Tanya Calleja u Ninu Abela, ma kienux a konoxxenza tal-attur meta kien qed jinstema' l-kaz quddiem il-Bord. Anzi mill-provi rrizulta ampjament li Francis u George Zammit huma parentati mal-attur u jahdmu flimkien, Tanya Calleja hija l-armla ta' Joseph Calleja li kien xehed quddiem il-Bord, u Ninu Abela joqghod vicin il-garage in kwistjoni.

Inoltre, b' dawn l-erba xhieda l-attur ried biss jikkorrobora dak li kien qal hu fix-xhieda tieghu originali; u cioe' li l-garaxx kien qej jintuza sabiex jiddahhlu trukkijiet u ingenji tax-xoghol tieghu, u li ma kienx qed jintuza sabiex jigu ggaraxxjati karrozzi privati biss.

Ghaldaqstant il-Qorti tosserva li l-fatt li l-attur ghazel li ma pproducix dawn ix-xhieda fil-proceduri quddiem il-Bord kienet ghazla tieghu, u ma jistax issa, fil-proceduri odjerni, jittanta jghamel dak li seta' jghamel, izda naqas milli jghamel, fil-proceduri appositi. Dan ma kienx kaz ta' difiza li kienet impossibbli ghalih f' dawk il-proceduri, imma huwa kaz ta' omissjoni jew insufficjenza ta' difisa, ossia provi, li ghalija huwa responsabbli biss l-attur; u ghalhekk, *imputet sibi*

Illi in vista tal-premessi konsiderazjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tal-attur hija insostenibbli kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, u per konsegwenza ghandha tigi michuda.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------